FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 19 TA' GUNJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR MARTHESE MICALLEF
VS
CHARLES BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Charles Borg ta' 34 sena, iben Geralda Borg, imwieled Pieta fl-10 ta' Frar 1968 u li joqghod 71, Triq Sir Philip Pullicino, Mtarfa detentur ta' karta tal-identita numru 97668M talli bejn id-9 t'Awissu 1997 u 26 ta' Novembru 1999 fil-fond 71, Sir Philip Pullicino Street, Mtarfa bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandu f'idejh l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Ikkommetta serq ta' kurrent elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm50 u anqas minn Lm1000 (Lm229.55c) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur.
2. Talli rrenda ruhu ricediv b'sentenza datata 13 ta' Jannar 2002 moghtija lilu mill-Magistrat Hayman LL.D.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tad-19 ta' Gunju 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 18, 261, 263, 264, 267, 270, 326(1)©(f) tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.